MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2007

Citazzjoni Numru. 385/2004

Kawza fil-lista: 35

**A B f' isimha proprju u bhala kuratrici ad litem tal-minuri C D, nominata b' digriet tal-15 ta' Novembru 2004**
**vs**
**E F, G D, id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Peress illi l-attrici izzewwget lill-konvenut G D fis-17 ta' Gunju 2000 pero' dan iz-zwieg gie dikjarat null permezz ta' sentenza moghtija minn din il-Qorti fid-29 ta' Jannar 2004 fil-kawza fl-ismijiet G D vs A D (citaz nru 1505/01RCP) -Dok. A.

Peress illi fl-istess gurnata u cioe' fid-29 ta' Jannar 2004 il-Qorti ppronunzjata ukoll is-separazzjoni personali bejn l-attrici u l-konvenut G D fil-kawza fl-istess ismijiet (citaz nru 1839/01RCP) – Dok B.

Peress illi l-attrici u l-konvenut G D kienu ilhom de facto separati ghal tlett snin qabel ma nghatat is-sentenza u cioe' minn Marzu 2001.

Peress illi f' dan il-perjodu li l-konjugi D kienu qed jghixu separati minn xulxin l-attrici kienet dahlet f' relazzjoni mal-konvenut l-iehor E F.

Peress illi fil-fatt l-attrici u l-konvenut E F ilhom jghixu flimkien minn Mejju 2003 u kienu ilhom f' relazzjoni minn Frar ta' l-istess sena 2003, u tul dan il-perjodu huma kellhom relazzjonijiet sesswali.
Peress illi fl-20 ta' Settembru tas-sena 2004 twieled tifel jismu C, li huwa iben naturali ta' l-attrici u l-konvenut E F kif jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Peress illi fl-att tat-twelid tal-minuri C liema att igib in-numru 3172/2004 (Dok C), gie dikjarat bhala missier it-tarbija l-konvenut G D.

Peress illi ghalhekk hemm kunflitt bejn ir-realta ta' l-istat naturali tal-minuri u l-istat tieghu kif dikjarat fic-certifikat tat-twelid billi C D huwa l-wild naturali tal-konvenut E F u mhux ta' G D kif dikjarat ufficjalment fl-att tat-twelid tieghu.

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex m' ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li E F huwa l-missier naturali tal-minuri C li twieled fl-20 ta' Settembru tas-sena 2004.

2. Konsegwentement tordna li jsiru l-korrezzjonijiet fl-att tat-twelid numru 3172 tas-sena 2004 mid-Direttur tar-Registru Pubbliku billi jigu mhassra l-konnotati riferibbli ghall-konvenut G D fil-kolonni fejn jigi mnizzel taghrif dwar missier it-tarbija u minflok jitnizzlu f' dawn il-kolonni l-isem

u l-kunjom tal-konvenut E F kif ukoll it-taghrif kollha mehtiega dwaru bhala missier it-tarbija u l-partikolaritajiet kollha l-ohra tal-konvenut E F li jirrizultaw waqt il-kawza u/jew kull korrezzjoni ohra skond il-Ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti millum ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li biha eccepixxa:

1. Illi preliminarjament, fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghas-suespost, l-attrici ghandha tispecifika d-dettalji personali kollha ta’ l-allegat missier naturali l-konvenut E F biex jekk it-talbiet attrici jintlaqghu, dawn ikunu jistghu jigu inseriti fl-Att tat-Twelid in kwistjoni.

3. Illi l-interess tal-minuri ghandhom ikunu rapprezentati minn kuraturi deputati stante illi jista’ jkun hemm kunflitt ta’ interess.

4. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta’ l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

5. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati u l-listi tax-xhieda;

Rat li l-konvenuti l-ohra debitament notifikati ghazlu li jibqghu kontumaci;

Rat ir-rapport xjentifiku ta’ Dottor Renald Blundell minnu debitament mhaluf;

Rat l-Avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kap.16;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici A B qeda titlob dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li l-minuri C D li twieled fl-20 ta’ Settembru 2004, huwa l-wild naturali tal-konvenut E F u mhux tal-konvenut G D kif erroneament indikat fl-Att tat-Twelid tal-minuri; u talbet il-korrezzjoni relattiva fl-Att tat-Twelid numru 3172/04.

Illi l-azzjoni odjerna hija bazata fuq id-dispsot tal-Artikolu 77 tal-Kodici Civili li jiddisponi li l-legittimita’ ta’ tifel imwieled matul iz-zwieg tista’ tigi impunjata wkoll minn kull persuna interessata jekk din tipprova li fil-perijodu indikat fl-istess Artikolu r-ragel kien “fl-impossibilita’ fisika li jghammar ma’ martu minhabba li kien boghod minnha”.

F’ dan l-istadju u b’ referenza ghal valur probatorju tal-prova genetika f’ kazijiet konsimili bazati fuq id-dispost tal-Artikolu 77 , il-Qorti taghmel referenza ghal-konsiderazzjonijiet maghmula minn din il-Qorti fis-sentenza *PA[PS] Anna Zammit vs Carmelo Zammit et noe deciza fit-28 ta’ Frar 2003.*

Mill-provi jirrizulta pacifiku u mhux kontraddett li, fis-17 ta’ Gunju 2000 l-attrici u l-konvenut G D izzewwgu, u f’ Marzu 2001 il-partijet isseparaw de facto. Fi Frar 2003 l-attrici dahhlet relazzjoni mal-konvenut E F u f’ Mejju tas-sena 2003 dawn bdew jikkoabitaw. Il-koppja kellhom relazzjonijiet intimi minn Frar 2003; u rizultat ta’ din ir-relazzjoni twieled it-tifel C fl-20 ta’ Settembru 2004 li pero’ gie registrat that isem il-konvenut G D bhala l-missier legali. Sussegwentement fid-29 ta’ Jannar 2004 iz-zwieg bejn l-attrici u G D gie dikjarat null.

Illi rizultat ta’ testijiet tad-DNA li saru minn kampjuni mehudin minn fuq il-persuni ta’ l-attrici, tal-minuri u tal-

konvenuti G D u E F, jikkonferma t-tesi attrici li l-minuri C huwa l-wild naturali ta’ E F; u ghalhekk tinsab esklusa b’ certezza assodanti l-preteza favor legittimatis krejata bl-att tat-twelid tal-minuri;

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talbiet attrici huma gustifikati u jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talbiet attrici u tiddikjara li l-minuri C li twieled fl-20 ta’ Settembru 2004, mhuwiex it-tifel naturali tal-konvenut G D, izda huwa t-tifel naturali tal-konvenut E F li ghandu n-numru ta’ l-identita’ 002071[M] bin Joseph imwieled, f’ Tas-Sliema u joqghod Swieqi, u li fiz-zmien tat-twelid tat-tarbija kellu 34 sena; u tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jikkoreggi l-Att tat-Twelid numru 3172/04 tal-minuri C billi jitnehha l-isem u l-konnotati tal-konvenut G D, u minflok jitnizzel l-isem tal-konvenut E F u l-konnotati tieghu.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku ta’ l-attrici u tal-konvenut E F , fi kwoti wgwali bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------